# Inkjesta fit-termini tal-Kap 273

## Fl-Atti tal-inkjesta dwar l-operat tal ex-Spettur tal-Pulizija Daniel Zammit matul il-perkors tal-proċeduri wara l-omiċidju ta' Neville Baldacchino f'Diċembru tal-2008.

## Rapport tal-Imħallef Michael Mallia

Rapport tal-Imħallef Michael Mallia.

Jesponi bir-rispett.

Illi permezz ta' nomina datata 1 ta' Lulju, 2015, il-Prim Ministru għoġbu jaħtar l-esponent sabiex fit-termini tal-art. 4 tal-Kap 273, tal-Liġijiet ta' Malta, jikkonduċu inkjesta dwar il-kondotta tal-ex Spettur Daniel Zammit speċifikament sabiex:

1) Jekk dak li dak iż-żmien u fis-snin ta' wara kien uffiċjal pubbliku u membru tal-Korp tal-pulizija Daniel Zammit matul il-perkors ta' investigazzjoni u/jew prosekuzzjoni fil-proċeduri kollha li ttieħdu wara l-omiċidju ta' ċertu Neville Baldacchino f'Diċembru tas-sena 2008 mexiex skont l-etika u l-proċeduri li jirregolaw l-operat tiegħu;

2) Jekk ġewx segwiti l-proċeduri kollha stabbiliti fejn jidħlu interessi privati li kellu jew għandu l-ex Spettur Daniel Zammit;

3) Kull materja u persuna oħra li jidhirlek xierqa relattiva għall-kondotta tal-ex Spettur Daniel Zammit.

Sabiex jaqdi dan l-inkarigu l-esponent żamm sitt seduti fil-bini tal-Qorti assistit mid-Deputat Registratur Carmen Scicluna.

**Xehdu f'din l-inkjesta:**

Nhar il-Ħamis 9 ta' Lulju, 2015:

- Rapprezentant tal-MFSA – Dr Claudette Fenech
- Ir-Registratur, Korp tal-Pulizija – Mr Mario Spiteri
- Ex Kummissarju – Mr John Rizzo
- Ex-Kummissarju – Mr Peter Paul Zammit
- Kummissarju Michael Cassar

Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju, 2015:

- Dr George Buttigieg
- Spettur Chris Pullicino
- Permanent Secretary, Home Affairs and National Security – Mr Kevin Mahoney

Nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju, 2015:

- Is-Sur Raymond Zammit
- Is-Sur Daniel Zammit
- Is-Sur Roderick Zammit

Nhar l-L-Erbgħa 15 ta' Lulju, 2015:

- Dr Martin Bajada

Nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju, 2015:

- Is-Sur Daniel Zammit

Nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju, 2015:

- Rapprezentant tal-MFSA – Dr Claudette Fenech
- In-Nutar Carmel Mangion jew rappreżentant tiegħu

Illi l-Liġi li tirregola din l-inkjesta hi senjament:

L-art.9 tal-Kap 164 li jgħid "*Kull uffiċjal tal-pulizija għandu jiddedika ħinu kollu għas-servizz tal-Korp u m'għandux jagħmel xi xogħol ieħor, kemm-il darba ma jkunx inkiseb permess bil-quddiem u bil-miktub mingħand il-Kummissarju*";

L-art. 1(k) tieni skeda tal-S.L. 641 tar-Regolamenti Dwar il-Pulizija ta' Malta li jgħid "*ma jastjenix minn kull attivita' politika jew minn kull attivita' li aktarx tfixkel il-qadi leali u imparzjali tad-dmirijiet tiegħu, jew li aktarx tqajjem l-impressjoni fost il-membri tal-pubbliku li tista' hekk tfixkel;*";

L-art 8(d) u (e) tat-tieni skeda tal-istess SL 164.01 tar-Regolamenti Dwar il-Pulizija ta' Malta li jgħid "*Korruzzjoni, jiġifieri, jekk membru tal-Korp – (d) iqiegħed lilu nnifsu taħt obbligazzjoni pekunjarja favur xi ħadd li jkollu ħanut tax-xorb, li jkun bejjiegħ bl-imnut tal-birra, spirti-grocer, jew xi persuna li jkollha liċenza mogħtija mill-Kummissarju jew li dwar l-għoti jew it-tiġdid tagħha l-Pulizija jista' jkollha tirrapporta jew tagħti xiehda; jew (e) juża b'mod mhux xieraq il-kwalifika u l-kariga tiegħu bħala membru tal-Korp għal vantaġġ tiegħu privat;*"

Barra minnhekk, il-Kodiċi tal-Etika kif jidher fl-ewwel Skeda tal-*Public Administration Act,* f'Kap 7.1 intitolat "*Personal and Professional Behaviour*" il-paragrafu intestat 7.1.6 "*Conflict of Interest*" jgħid:

***"A conflict of interest may be defined as a situation in which public officers have private or personal interests sufficient to influence or appear to influence the objective exercise of their official duties."***

7.1.6.2 "***In many cases only the individual officers will be aware of the potential for conflict. Therefore, the onus is on the public officers to disclose to their Permanent Secretary if a potential or actual conflict of interes arises. Public officers are to disclose to their Permanent Secretary, through their Director, any potential or actual conflict of interest in writing within a week on assuming Office or upon change in duties or change in circumstances."***

7.1.6.3 ***"Consonant with Professional ethics, it is the practice to avoid having in the same unit, members of the same family or persons with business ties***

*where this relationship can impinge on their official duties and may cause a potential conflict of interest."*

Ukoll Kap. 7.4 *" Private Work and Private Investments" Fil-paragrafu 7.4.2.1 "Public Officers are required to obtain permission from their respective Permanent Secretary before undertaking any private work outside their official duties. The request should be made on the form at Appendix 7.III. When considering the authorisation of the performance of private work, Permanent Secretaries are to take into accounts any particular condition that may be attached to the appointment or position held by applicant."*

Taħt il-paragrafu "Private Investments" nru 7.4.3.1 *" Public Officers should avoid any financial or other undertaking that could directly or indirectly compromise the performance of their duties. Serious pecuniary embarrassment, from whatever cause, is regarded as necessarily impairing the efficiency of public officers and rendering them liable to disciplinary proceedings. Public officers are expected to abstain from indulging in any activities with inherent risks of their eventually finding themselves in financial difficulties."*

7.4.3.2 *"Public officers are to notify their Pemanent Secretary, through their Director, of all relevant personal, financial, business or other interest in particular;*

*(a) any directorship, partnership, agency or any shareholding;*

*(b) any interest in any activity or business in which or with which the organisation is engaged; or*

*(c) any interest in goods or services recommended or supplied to the organisation."*

L-esponent jifhem illi "In terms of reference" tiegħu ma jinkludix biss l-operat tal-ex Spettur Daniel Zammit iżda kull persuna oħra relattiva għall-istess kondotta tal-ex Spettur. Kien għalhekk li l-esponent se jinkludi f'dan ir-rapport l-operat tal-Ispettur Roderick Zammit, ħu Daniel u dak tal-ex deputat Kummissarju Raymond Zammit, missier l-ex Spettur Daniel Zammit.

Ikkunsidra:

Is-Sur Daniel Zammit gradwat B.Com (Hons.) MA (Science in Security and Risk Management) ġie ingaġġat fil-Korp tal-Pulizija *fir-rank* ta' Spettur fit-28 ta' April, 2004. Fil-15 ta' Mejju, 2004, ġie *posted* fid-Distrett nru. 6, dak ta' Tas-Sliema. Fl-14 ta' Mejju, 2006, ġie *posted* ic-CID. Fis-17 ta' Ottubru, 2011, ġie *posted,* fid-Distrett 1A tal-Belt. Fl-10 ta' Gunju, 2013, ġie *posted* l-*Economics Crime Unit.* Fis-21 ta' April, 2015 ġie *boarded out* mill-Korp.

Roderick Zammit ġie ingaġġat fil-korp tal-Pulizija fit-28 ta' Frar, 2003 bħala *Probational Constable.* Fit-28 ta' Frar, 2005 ġie konfermat bħala *third Class Polic Constable.* Fit-28 ta' Frar, 2007 promoss għal *second Class Police Constable.* Fit-12 ta' Lulju, 2007 ġie promoss għal Surgent perjodu ta' *probation,* konfermat fit-12 ta' Lulju, 2008 u promoss ghal *second Police Inspector* fit-12 ta' Lulju, 2010. Fis-27 ta' Settembru, 2011 ġie promoss ghal Spettur bi perjodu ta' probation għal sentejn. Fis-27 ta' Settembru, 2013 ġie konfermat bħala Spettur tal-Pulizija. Roderick Zammit għadu jservi bħala Spettur tal-Pulizija sal-lum.

Għal dawk li huma *postings* fl-14 ta' Marzu, 2003, Roderick Zammit ġie *posted* il-*Money Laundering Unit.* Bejn Ottubru u Novembru, 2004 serva temporanjament Ta' Kandja mal-Immigranti Illegali. Fl-1 ta' Novembru, 2004 mar lura il-*Money Laundering Unit.* Fit-12 ta' Ottubru, 2012, ġie *posted* fid-Distrett 2 ta' Ħaż Żebbug, u fl-10 ta' Ġunju, 2013, ġie *posted* l-*Economics Crimes Unit.* Fit-3 ta' Lulju, 2015 ġie *posted* fid-Distrett nru. 7, dak tal-Ħamrun, fejn għadu jservi sal-lum.

L-ex Deputat Kummissarju, Ray Zammit, ġie ngaġġat l-ewwel darba mal-Korp tal-Pulizija bħala *Probationary Police Constable* fil-21 ta' Frar, 1976. Ġie promoss għal *third Class Sergeant* fis-26 ta' Awwissu, 1980. U promoss ghal *Probational Police Inspector* fit-2 ta'April, 1987. Fit-13 ta' Settembru, 2000, ġie promoss ghal Supretendent. U fid-9 ta' Novembru, 2009, promoss ghal Assistent Kummissarju. Promoss ghal Deputat Kummissarju fis-27 ta' Jannar, 2014. Kien *Acting Commissioner* fit-18 ta' Lulju, 2014 u reġa' irriverta għal *Supstantive Grade* tiegħu, dik ta' Deputat Kummissarju fid-9 ta Diċembru, 2014. Ray Zammit irtira mill-Korp fuq pensjoni fit-12 ta' Mejju, 2015.

Ikkunsidra:

Illi l-interessi kummerċjali illi għandhom il-familja Zammit huma s-segwenti :

"St Gabriel Residential Homes Limited", illi twaqqfet fit-2 ta' Ġunju, 2010, illi kellha bħala Azzjonisti Michael Gaffarena, Daniel Zammit, Roderick Zammit u Ray Zammit u Dr George Buttigieg. Il-ħlas tar-reġistrazzjoni ta' din il-kumpanija sar minn Daniel Zammit fid-29 ta' Mejju, 2010, u fl-14 ta Awwissu, 2014, Daniel Zammit, Roderick Zammit u Ray Zammit ittrasferew l-ishma tagħhom f'isem ommhom u l-mara Jane Zammit.

"Diabolic Entertainment Limited", illi twaqqfet fis-16 ta' Diċembru, 2010, li għandha bħala Azzjonisti Daniel Zammit, Stephen Bonnici u Luke Chetcuti. Id-Diretturi huma Stephen Bonnici u Luke Chetcuti. Il-ħlas tar-reġistrazzjoni sar minn Daniel Zammit fil-15 ta' Diċembru, 2010.

"Geras Care Limited", illi twaqqfet fl-4 ta' Ottubru, 2014, b'Azzjonisti Joseph Gaffarena u Jane Zammit. Direttur Michael Gaffarena. Fit-8 ta' Awwissu, 2014, Daniel Zammit ħallas il-ħlas tar-registrazzjoni ta' din il-kumpanija.

"Tyche Consultancy Limited" li twaqqfet fis-7 ta' mejju, 2015. Bħala Azzjonisti dina għandha lil Daniel Zammit, Roderick Zammit u Francesco Airo'. Bħala Diretturi hemm Daniel Zammit u Francesco Airo'.

"Zurmed Trading Limited" li twaqqfet fid-29 ta' Mejju, 2015. Għandha bħala Azzjonisti Daniel Zammit, Bernice Farrugia, Deborah Farrugia u Anthony Mario Vella. Bħala Diretturi Daniel Zammit, John Farrugia u Anthony Mario Vella.

Jiġi nnotat li dawn l-aħħar żewġ kumpaniji, Tyche Consultancy Limited u Zurmed Trading Limited ġew iffurmati wara li Daniel Zammit ħareġ mill-Korp tal-Pulizija.

Ikkunsidra:

Għal dak li jirrigwarda l-operat tal-Ex Spettur Daniel Zammit kif ġia' ingħad, dana ġie ingaġġat fil-Korp tal-Pulizija bħala Spettur fit-28 ta' April, 2004 u għall-ewwel kien sejjer tajjeb u kien jidher li kien se jkollu karriera promettenti mal-Korp tal-Pulizija. Is-superjuri tiegħu rrikonoxxew is-suċċessi li kien qiegħed jagħmel billi ġie trasferit minn Distrett għas-CID, fejn ukoll kien qiegħed jagħmel xogħol siewi.

Dak iż-żmien l-Ispettur Zammit tefa' għajnejh fuq propjeta' fil-Mosta, illi ried jixtri bħala residenza tiegħu. U bejn il-flus li kellu u *loan* milli ħa mill-Bank, xtara din il-proprjeta. Sa hawn mhemm xejn ħażin u ma hemm l-ebda ksur ta' regolamenti il-għaliex hija xi ħaġa normali illi persuna tieħu *loan* mill-Bank biex tixtri d-dar residenzjali tagħha. Pero' l-Ispettur Zammit kellu skopijiet oħra għal din il-proprjeta'. Tant, illi bil-flus illi kellu, waqqa' dinil-proprjeta u flokha tella' garaxxijiet, tliet *flats* u *Penthouse* sabiex jinnegozjahom. Hawnhekk l-Ispettur Zammit beda' jixxellef il-paragrafu 7.4.3.1 tal-*Public Service Management Code* peress li l-operat tiegħu ma baqax wieħed limitat għar-residenza tiegħu iżda sar operat għall-ispekulazzjoni u b'hekk kien fl-obbligu illi javża lis-Segretarju Permanenti tramite il-Kummissarju ta' dan l-investiment personali illi kien qiegħed jagħmel. Iżda minn dan kollu ma sar xejn, l-Ispettur Zammit kompla bil-progett, lestieh, biegħ xi appartamenti u mar joqgħod f'appartament minnhom. L-karriera tiegħu fil-Pulizija kompliet b'mod normali.

F'Diċembru, 2008, l-Ispettur Zammit kien qiegħed fuq xogħol, meta rċieva telefonata biex jaċċedi mal-ewwel Ħal Qormi fi Triq id-Drama, fejn ġie rapportat Omiċidju. Irriżulta li l-vittma kien Neville Baldacchino u s-suspettat kien ċerta Steve Caruana miżżewweġ lil Romina nee' Gaffarena, bint Joe Gaffarena.

Meta l-Ispettur Zammit wasal fuq il-post, kien hemm preżenti diga' numru sostanzjali ta' Pulizija kif ukoll membri tal-familja Gaffarena, illi waslu fuq il-post <u>qabel</u> ma ġew il-Pulizija. L-Ispettur Zammit avża lill-Ispettur Pullicino mill-iskwadra tal-Omiċidji li mill-ewwel ġie fuq il-post u għarraf lill-Magistrat tal-għassa sabiex tibda l-Inkjesta. U sejjaħ ukoll is-*Scene of The Crime Officers* u l-esperti l-oħra li nnomina l-Magistrat inkwerenti.

Bdiet l-investigazzjoni, u Romina Caruana għall-ewwel tat verżjoni li ma tantx kienet taqbel max-xena tad-delitt. Pero' l-għada biddlet din il-verzjoni u kkonfermat dak li kienu qed jissuspettaw mal-ewwel l-investigaturi. U cioe' illi din kellha relazzjoni intima ma' Neville Baldacchino u l-Omicidju sar meta żewġha Steve Caruana issorprendihom f'sitwazzjoni kompromettenti u spara erba' tiri fid-direzzjoni ta' Neville Baldacchino u qatlu.

Fi żmien 48 siegħa, Steve Caruana tressaq il-Qorti biex iwieġeb għall-akkużi tal-Omiċidju volontarju ta' Neville Baldacchino. Il-kumpilazzjoni bdiet b'mod normali, bid-difiża titlob il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. Dana ġie oppost mill-prosekuzzjon u l-Qorti ma laqgħetx it-talba almenu sakemm instemgħu l-provi kollha quddiemha.

La l-prosekuzzjoni u lanqas id-difiża ma qatt talbu li l-kawża tinstema' bil-magħluq, pero' il-Qorti meta dehrilha li ċerta xhieda kienet sensittiva u biex tipproteġi wkoll ix-xhud li jkun qed jiddeponi, ordnat li ċerta seduti partikolari jinstemgħu bil-magħluq. Ma kienx hemm degriet wieħed fejn ordnat li l-kawża kollha kellha tinstema' bil-magħluq. Iżda l-Qorti kienet qed tagħmel din l-ordni għal kull seduta fejn dehrilha illi ċerta xhieda kienet sensittiva. Dina hija xi ħaġa normali, diskrezzjonali f'idejn il-Qorti illi tagħmel tali ordni jekk jidhirla hekk opportun. Sussegwentament, Caruana ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest fit-13 ta' Jannar, 2009 (fol. 175 tal-atti) u d-degriet tal-*Prima face* ( fol. 183) ingħata ftit wara. Dan id-degriet tal-liberta provvisorja ġie ikkontestat mill-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Kriminali li pero' kkonfermat id-degriet tal-Magistrat fit-22 ta' Jannar, 2009 (fol. 193).

F'dan iż-żmien u ċioe' fit-2 ta' Ġunju, 2009, l-Ispettur Daniel Zammit u ħuh, allura Surgent Roderick Zammit, xtraw biċċa art magħrufa Ta' Marġja sive Ta' Wied Rini fil-Baħrija mingħand ċerta Alfred Chircop versu l-prezz ta' Euro11650. Dan sar in atti Nutar Dr Malcolm Mangion. Skont l-Ispettur Zammit dan l-akkwist sar ghar-rilassament tal-familja.

L-esponent jinnota li minkejja li dan il-kuntratt jidher wieħed normali, il-venditur Alfred Chircop għandu konnessjonijiet qawwija mal-familja Gaffarena tant li Mark Gaffarena hu miżżewweġ lin-neputija tal-istess Alfred Chircop. Terġa, is-soċjeta' Alfaclass Developers Ltd li bieghet l-art lil Chircop hi kollha kemm hi tal-Familja Gaffarena. Anke Romina Caruana (nee' Gaffarena) għandha ishma f'din il-kumpanija. L-esponent jikkonkludi kwindi li sitt xhur

wara d-delitt ta' Ħal Qormi, l-Ispettur Daniel Zammit li kien qed jinvestiga l-każ kellu kuntatti u interessi personali mal-familja Gaffarena.

Dana poġġieh nettament fiċ-ċensura tal-ewwel skeda tal-*Public Administration Act* Kap 7.1 intitolat "Personal and Professional Behaviour" taħt il-paragrafu "Conflict of Interest" kif ukoll taħt il-paragrafu 7.4.3.1 intitolat "Private Investments" kif jidhru f'paġna 3 u 4 ta' din ir-relazzjoni.

Fl-2009 beda l-ewwel inkwiet għall-familja Zammit u l-karriera tagħhom fil-Pulizija meta, l-allura Supretendent Ray Zammit, missier Daniel u Roderick ħassu urtat u nkwetat il-għaliex kien qed jiġi maqbuż għall-promozzjoni. U wara li għamel eżami għall-promozzjoni sab illi kien ġie is-sitt wieħed meta riedu ħamsa u kull ma kien hemm bejn is-sitt kandidati, punt wieħed biss.

Ray Zammit beda jaħseb biex itemm il-karriera tiegħu mal-Pulizija u kien għalhekk li l-Ispettur Daniel Zammit ġie f'kuntatt ma' Joe Gaffarena li allura kien jafu bħala missier Romina Caruana, mart Steve Caruana, l-akkużat fl-Omiċidju.

Joe Gaffarena hu karattru dubjuż, b'fedina penali kopjuża, prinċipalment fejn jirrigwarda ksur tar-regolamenti u dispożizzjonijiet dwar il-bini u kostruzzjoni. Dak iż-żmien, Daniel Zammit kien miżżewweġ lil Gabriella Buttigieg, avukat, bint il-Gynaecologist, Mr George Buttigieg, u għalhekk nibet il-ħsieb illi l-familja tidħol f'relazzjonijiet kummerċjali ma' Joe Gaffarena sabiex tiġi imwaqqfa Dar tal-Anzjani li fiha setgħu jipparteċipaw Ray Zammit min-naħa tas-Sigurta', it-Tabib Buttigieg min-naha medika, u Joe Gaffarena mil-lat kummerċjali. Kien għalhekk li ġiet imwaqqfa is-socjeta' St Gabriel Residential Homes Limited, illi ġiet inkorporata fit-2 ta' Ġunju, 2010.

Daniel Zammit ħa parti attiva fil-formazzjoni ta' din il-kumpanija u ltaqa' kemm-il darba ma' Joe Gaffarena, kif ukoll mal-Perit Paul Camilleri u mar sikwit l-uffiċini tal-MEPA sabiex jirrispondi xi kweżiti illi jkunu inqalgħu. Il-proġett jidher li kien ġie stradat mhux ħażin peress li l-Perit inkarigat, kien diġa' lesta l-pjanti u ġiet identifikata biċċa art il-Ħamrun fejn seta' jsir dan il-proġett.

Ma hemmx dubju, li għalhekk l-Ispettur Zammit kellu konflitt serju ta' interess u mar kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kap 7 tal-*Public Service Management Code*. Senjament il-provvedimenti intestati 7.1.6.1/2/3 u ukoll dak li jirrigwarda

l-investimenti privati 7.4.3.1/2 ukoll l-art 9 tal-Kap 164 art 1 (k) tat-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 164.01 magħruf bħala Regolamenti dwar il-Pulizija ta' Malta.

Daniel Zammit ma jinnegax illi għamel ħażin tant illi quddiem l-esponent iddikjara illi "with hindsight" ma kienx jidħol għal din il-biċċa xogħol. *Ex admissis* Ray Zammit, Daniel Zammit u Roderick Zammit ma talbux il-permess tas-superjuri tagħhom biex jidħlu għal dan il-proġett. L-iskuża kienet li dan il-proġett qatt ma rrenda profitt, qatt ma beda jaħdem u għalhekk ma kien hemm xejn x'tirraporta lis-Superjuri tagħhom. Din l-iskuża ma tistax tiġi aċċettata peress li l-artikoli fuq imsemmija tal-*Public Service Management Code* kif ukoll l-Avviz Legali 164.01 u l-Kap 164 jgħid ċar li għal xi ħaġa bħal din l-applikanti bilfors kellhom ikollhom il-permess tas-superjuri tagħhom. Bħallikieku dana mhux biżżejjed, Daniel Zammit sar Azzjonist fil-kumpanija "Diabolic Entertainment Limited" li ġiet imwaqqfa fis-16 ta' Diċembru tal-2010. Hawn ukoll Daniel Zammit ma talab l-ebda permess sabiex jinvesti f'din il-kumpanija illi suppost kellha tipprovdi servizzi ta' *I Marketing* skont ma jidher mill- *Objects* tal-istess kumpanija. Hawn ukoll, Daniel Zammit kiser il-provedimenti fuq imsemmija tal- *Public Service Management Code,* tal-Avviz Legali 164.01 u l-Kap 164.

Sadanittant f'dawk l-erba' snin bejn l-2010 u 2014 ġraw ħafna affarijiet fil-familja Zammit. Prinċipalment is-separazzjoni ta' Daniel Zammit minn ma' martu Gabriella fejn allura l-proġett ta' St Gabriel Residential Homes ġie mhedded aktar u aktar meta it-Tabib George Buttigieg irrifjuta li jċedi mingħajr kumpens l-ishma tiegħu f'din il-kumpanija. Għalhekk ġiet imwaqqfa kumpanija oħra, Geras Care Limited fit-8 ta'Ottubru tal-2014, illi kellha bħala Azzjonisti lil Joseph Gaffarena u Jane Zammit, omm Roderick u Daniel u mart Ray Zammit. Direttur Michael Gaffarena iben Joseph Gaffarena.

Għalkemm teknikament Ray Zammit, Daniel Zammit u Roderick Zammit mhumiex involuti f'din il-kumpanija, peress li l-ishma qegħdin f'isem ommhom Jane Zammit, fit-8 ta' Awwissu tal-2014, Daniel Zammit ħallas għar-reġistrazzjoni ta' din il-kumpanija.

F'dan iż-żmien kollu Daniel Zammit baqa' prosekutur fil-kawża kontra Steve Caruana,u l-kumpilazzjoni baqgħet għaddejja għalkemm kien hemm xi drabi fejn il-prosekuzzjoni ma dehritx biex tmexxi l-kawża. Pero' dawna kienu sitwazzjonijiet iżolati. L-ikbar intopp li faċċat din il-kawza pero' kienet il-

kwistjoni legali dwar is-*swabs* li kellhom jittieħdu minn Romina Caruana għal fini ta' komparazzjoni ma' *tissues* li instabu fix-xena tad-delitt.

L-avukat ta' Romina Caruana oġġezzjona illi jittieħdu dawn l-*iswabs* peress li dehrlu li bħala mart l-akkużat ma kinitx *a competent and compellable witness* u allura ma kienx legali li jittieħdu *swabs* minnha. L-ewwel darba li nqalghet din il-kwistjoni kien fil-21 ta' Jannar tal-2010 (fol 533). U fil-15 ta' Mejju tal-2012, saret talba formali min naħa tad-difiża għal Referenza Kostituzzjonali (fol 652). Għal din it-talba saret opposizzjoni u Nota ta' sottomissjonijiet iffirmata minn Daniel Zammit (fol 722).

Fit-30 ta' Mejju tal-2013 il-Qorti tal-Magistrati tat id-degriet tagħha u laqgħet it-talba sabiex il-kwistjoni tiġi ventilata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali. Il-kwistjoni għadha pendenti quddiem dik il-Qorti u peress li kienet il-Qorti tal-Maġistrati li rriferiet il-kwistjoni, kellha tieqaf milli tkompli bis-smiegħ tax-xhieda u għalhekk ftit li xejn sar progress fil-kawża.

Minn dakinhar li Daniel Zammit ippreżenta in-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu ma jidhirx li ħa parti attiva oħra fl-andament ta' dik il-kawża u issa tidher li hija stallata u ma jidhirx li hemm xi Spettur ieħor assenjat għal din il-kawża wara li Daniel Zammit spiċċa minn mal-Korp tal-Pulizija. Għad li fis-seduta tat-2 ta' Gunju tal-2015 (fol 819) deher l-Ispettur Josric Mifsud u għas-seduta tal-14 ta' Lulju tal-2015 (fol 827) ma deher ħadd għall-prosekuzzjoni.

L-esponent jirrileva illi minkejja din il-kwistjoni li hemm quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali hija akademikament ferm interessanti, mil-lat prattiku mhi se sservi xejn għal din il-kawża ħlief bħala skuża biex ma jsir xejn quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li l-kawża tkompli titwal.

Illi l-bżonn għat-teħid ta' dawn is-*swabs* ta' Romina Caruana qam wara li Dr Marisa Cassar li ġiet imqabbda biex tieħu *profile* ta' DNA minn xi *tissues* illi nstabu ħdejn is-sodda fejn allegatament kienu Neville Baldacchino u Romina Caruana sabet, illi wieħed mill-profili kien dak femminili u kien għalhekk li l-prosekuzzjoni talbet illi jittieħdu kampjuni ta' Romina Caruana sabiex jsir eżami komparattiv ma' dak il-profil li ħarġet Dr Marisa Cassar.

L-esponent pero' jinnota illi ġie stabbilit minn provi oħra inkluż l-istqarrijiet tal-akkużat u Romina Caruana li din tal-aħħar kellha relazzjoni intima ma' Neville Baldacchino u hemm provi ċirkostanzjali li waslu għall-konkluzzjoni waħda illi fil-ħin tad-delitt Neville Baldacchino u Romina Caruana kienu għadhom kif

kellhom relazzjonijiet sesswali bejniethom. Għalhekk din il-prova permezz tal-kampjuni meħuda minn Romina Caruana mhu ser tipprova xejn li mhux magħruf diġa'. U kien ikun ferm aktar prattiku li kieku l-prosekuzzjoni irrinunzjat għat-teħit ta' dawn il-kampjuni u l-kawża tkompliet mingħajr xkiel.

Forsi fuq dan il-punt ta' min jittieħed il-parir tal-Avukat Generali għandux jissokta b'din il-kwistjoni jew le.

Barra din il-kwistjoni, irriżulta inkwetanti għall-esponent li:

L-ewwelnett l-investigazzjoni tal-Pulizija ġiet kompromessa mill-familja Gaffarena li waslet fuq ix-xena tad-delitt qabel il-Pulizija.

It-tieni, iż-żmien twil esaġerat biex ħarġet l-informazzjoni mill-*mobile phones* li ġew elevati mill-Pulizija. Dawn il-*phones* probabbilment kienu f'idejn il-familja Gaffarena qabel ma ġew f'idejn il-Pulizija.

It-tielet u l-aktar inkwetanti hu l-fatt li l-lok fejn sar id-delitt twaqqa' u floka telgħu block appartamenti. Mahux magħruf min ta dan il-permess, (jekk filfatt intalab!) żgur li l-Qorti ma kenitx adita għalhekk għax ma rriżulta ebda rikors u degriet biex il-lok jitwaqqa'.

**Ikkunsidra:**

Illi rigward il-ħbiberija ta' Daniel Zammit u ħuh Roderick ma' Ugo Chetcuti jingħad li dan tal-aħħar huwa ukoll karattru dubjuż, b'fedina penali ferm kopjuża prinċipalment bi ksur kontinwu u regolari tar-regolamenti dwar l-użu u żamma ta' stabbilimenti ta' divertiment f'Paceville, liema stabbilimenti joffru fost affarijiet oħra, xorb, birer u alkohol. Kemm Daniel kif ukoll Roderick jgħidu illi l-konoxxenza tagħhom ma' Ugo hija waħda każwali.... ta' saħħa u bonġu! Dan pero' ma jidhirx li huwa l-każ. Jidher li hemm ħbiberija profonda bejniethom, tant li Daniel organizza *birthday party* għal ħuh Roderick fil-Villa li għandu Ugo Chetcuti l-Madliena. Ma kienx prudenti illi żewġ Spetturi tal-pulizija jidhru fil-kumpanija regolari tal-persuna ta' Ugo Chetcuti. U dan imur nettament kontra id-dispożizzjoni 8(d) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 164.01.

L-esponent jirrileva illi dan l-artikolu jibda bil-kliem "iqiegħad lilu nnifsu taħt obbligazzjoni pekunarja favur xi ħadd li jkollu ħanut tax-Xorb..." (ara l-qbija tal-art kif jidher fil-bidu ta' dan ir-rapport). L-esponent jirrileva illi din l-obbligazzjoni pekunarja ma tfissirx biss obbligazzjoni finanzjarja ta' flus kontanti iżda għandha tinqara fl-aktar sens wiesa tal-kelma kif normalment tiġi

nterpretata klawsola bħal din taħt il-Liġi ġenerali. Meta l-artikolu jissemma' obbligazzjoni pekunarja dana tfisser kwalunkwe obbligazzjoni ta' liema xorta tkun.

Il-fatt illi żewġ Spetturi organizzaw *birthday party* fil-Villa ta' Ugo Chetcuti anki jekk ma ħalsu xejn għal dan l-avveniment, xorta ipoġġihom taħt obbligazzjoni pekunarja fis-sens tal-Liġi peress li jħossuhom obbligati versu Chetcuti talli pprovdilhom il-post għal dan l-avveniment.

Ikkunsidra:

Għal dak li jirrigwarda l-operat ta' Ray Zammit meta huwa sar Azzjonist fil-kumpanija St Gabriel Residential Homes Limited fit-2 ta' Gunju tal-2010, kien jokkupa l-kariga ta' Assistent Kummissarju fil-Korp tal-Pulizija. *Ex admissis* dan ma talab l-ebda permess la mill-Kummissarju u lanqas mill-Permanent Secretary sabiex ikun hekk azzjonist.

Anki jekk ma ħa l-ebda parti fit-treġġija ta' dik il-kumpanija, xorta mar kontra l-provvedimenti tal-kapitolu 7 tal- *Public Service Management Code* speċjalment dak intestat "Private Investments" Il-paragrafu 7.4.3.1/2 (a)(b)(c). Peress li hu probabbli illi Ray Zammit ma ta l-ebda kontribut għal dak li huwa xogħol għal din il-kumpanija, allura ma kisirx id-dispożizzjonijiet l-oħra illi hemm imsemmija fil-bidu ta' din ir-relazzjoni.

**Ikkunsidra:**

Għal dak li jirrigwarda l-Ispettur Roderick Zammit, l-esponent jinnota li dana għadu attiv fis-servizz tal-Pulizija sal-lum. Irrizulta illi fis-7 ta' Mejju tal-2015 daħal bħala azzjonist fil-kumpanija Tyche Consultancy Limit li għandha l-għan illi tipprovdi servizzi wiesa ta' konsultazzjoni kemm dawk finanzjarji kif ukoll kemm dawk li tikkonċerna proprjeta'. Firxa wiesa ta' prodotti finanzjarji. Dak iż-żmien Roderick Zammit kien qiegħed stazzjonat l-*Economic Crimes Unit,* liema Unit ġie imwaqqaf apposta biex iżomm għajnejħ fuq transazzjonijiet finanzjarji li jistgħu jidhru susspettużi jew skuża għal ħasil ta' flus.

Roderick Zammit jgħid li huwa *sleeping partner* u ma jikkontribwixxi l-ebda xogħol għal din il-kumpanija. *Ex admissis* ma avża lil ħadd meta akkwista dawn l-ishma. B'dan l-aġir, l-Ispettur Roderick Zammit mar kontra l-Kapitolu 7 tal-*Public Service Management Code*. Senjament illi l-paragrafu intestat "Private Investments" u cioe' l-art 7.4.3.1/2 (a)(b)(c) u stante il-ħbibierija illi għandu ma' Ugo Chetcuti, il-preżenza tiegħu fl-istabbilimenti imsemmija mhux negata, ir-riċeviment illi ġie organizzat fil-Villa tal-istess Ugo Chetcuti jpoġġi lil Roderick Zammit ukoll fic-ċensura tal-art 1(k) tat-tieni Skeda tal-LS 164.01 kif ukoll l-art 8 (d) tal-istess LS 164.01.

Finalment, l-esponent jagħmel referenza għal *terms of appointment* tal-1 ta' Lulju tal-2015. Jikkonkludi:

Illi għal dak li jirrigwarda l-kweżit intestat numru wieħed - Dak iż-żmien u fis-snin ta' wara kien uffiċjal pubbliku u membru tal-Korp tal-pulizija, Daniel Zammit matul il-perkors ta' investigazzjoni u/jew prosekuzzjoni fil-proċeduri kollha li ttieħdu wara l-Omiċidju ta' ċertu Neville Baldacchino f'Diċembru tas-sena 2008, ma mexiex skont l-Etika u l-proċeduri li jirregolaw l-operat tiegħu;

It-tieni - Ma segwiex il-proċeduri kollha stabbiliti fejn jidħlu interessi privati li kellu jew għandu l-ex Spettur Daniel Zammit;

Rigward it-tielet kweżit - l-esponenti investiga ukoll lil Ex Deputat Kummissarju Ray Zammit u l-Ispettur Roderick Zammit u jsib li l-operat tagħhom kien ċensurabbli bil-mod kif espost f'din ir-relazzjoni.

Għal dak li jirrigwarda l-adegwatezza tal-proċeduri eżistenti l-esponent iħoss illi dawna huma adegwati, ikopru s-sitwazzjonijiet kollha possibbli. M'għandux rakkomandazzjonijiet x'jagħmel ħlief dawna jkunu aktar esposti u mgħarfa lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija waqt it-Taħriġ tagħhom.

Tant l-esponenti għandu x'jissottometti ghas-savju ġudizzju tieghek.

............................

Imħallef Michael Mallia 21.07.2015

PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

24 ta' Lulju 2015

Lill-Imhallef Emeritu Dottor Michael Mallia

Għażiż Imħallef Mallia,

Nirreferi ghall-inkjesta redatta minnek nhar il-21 ta' Lulju, 2015 dwar l-operat tal-ex-Spettur tal-Pulizija Daniel Zammit wara n-nomina tal-1 ta' Lulju, 2015.

Fil-konkluzjonijiet tieghek inti tajt gudizzju dwar l-agir ta' l-ex-Spettur Daniel Zammit, l-ex Deputat Kummissarju (u illum Kap Ezekuttiv ta' Agenzija tal-Gvern) Ray Zammit u l-Ispettur Roderick Zammit.

Inkun grat jekk tindikali x'inhuma l-passi dixxiplinarji jew xorta ohra li fil-fehma tieghek huma appropriati li jittiehdu fil-konfront tat-tliet persuni imsemmija.

Inselli ghalik,

Joseph Muscat
Prim Ministru

27 ta' Lulju, 2015

Onorevoli Prim Ministru,

B'referenza għall-ittra tiegħek tal-24 ta' Lulju, wara li ħadt in konsiderazzjoni l-konklużjoni tal-inkjesta minni kondotta datata 21 ta' Lulju 2015, ninnota li l-ex Deputat Kummissarju Ray Zammit m'għadux fis-servizz pubbliku peress illi l-posizzjoni tiegħu illum, Kap Eżekuttiv ta' Aġenzija tal-Gvern ma tinkwadrax ruħha f'tali servizz. Pero' ma jidhirlix li ċ-ċensura tiegħu kienet daqshekk serja u kieku kien għadu fis-servizz kont nirrikomanda li jkun suġġett għal dixxiplina sommarja fil-kuntest tal-paragrafu 10.5.3 tal-kapitolu "Discipline" tal-Public Service Management Code.

Il-Każ tal-ex Spettur Daniel Zammit hu ferm aktar serju peress li l-aġir tiegħu ikkomprometta l-posizzjoni tiegħu bħala spettur tal-Pulizija liema posizzjoni tpoġġieh nettament taħt il-kategorija 10.9.1 (1) u (c) bħal tkeċċija mis-servizz wara li jkun għadda minn proċeduri dixxiplinari f'ħdan il-PSC. Daniel Zammit pero' irtira b'pensjoni mis-servizz pubbliku qabel ma bdew proċeduri dixxiplinari fil-konfront tiegħu u għalhekk, hu dibattibbli kemm jistgħu japplikaw id-disposizzjonijiet dixxiplinari intestati 10.10.1/2/3 peress li dawna kollha jikkontemplaw is-sitwazzjoni fejn uffiċjal pubbliku jirtira jew jirriżenja meta jkollu pendenti proċeduri dixxiplinari. Mhix kontemplata sitwazzjoni fejn jistgħu jirriżultaw nuqqasijiet serji, soġġetti għal proċeduri dixxiplinari wara li l-uffiċjal pubbliku jkun telaq mis-servizz. L-uniku ħaġa li tista' ssir hi li jittieħdu proċeduri kriminali għal favoriġġament (trading in influence). Fuq dan pero', nħalli l-ġudizzju f'idejn l-Avukat Ġenerali biex jaġixxi kif jidhirlu aħjar opportun, tenut kont il-provi li rriżultaw u oħrajn li forsi għad jirriżultaw fil-futur. Għal dak li jirrigwarda miżuri dixxiplinari amministrattivi, minkejja l-irregolaritajiet serji li wettaq, ma jidhirx li hemm xi miżura jew sanzjoni li tista' tittieħed fil-konfront tiegħu.

Rigward l-ispettur Roderick Zammit dan għandu l-ewwelnett jaqta' kull kuntatt u legami ma' Ugo Chetcuti u m'għandux jidher li qed jiffrekwenta *clubs* minn tiegħu jew 'Gentleman's Clubs' huma fejn huma. It-tieni, rigward is-soċjeta Tyche Consultancy minkejja li sa issa ma rriżulta xejn irregolari f'din il-kumpanija u l-assoċjazzjoni tagħha ma' Francesco Airo', mhuwiex desiderabbli li spettur tal-Pulizija jkun assoċjat f'kumpanija li tipprovdi firxa wiesa' ta' servizzi finanzjari fejn dawn mhumiex ċarament delineati u għalhekk għandu jiġi mġiegħel jiddisponi minn dawn l-ishma fl-aqsar żmien possibli. Dana ngħadd, nirrakkomanda li, f'dan il-punt ta' żmien u sakemm ma tirriżulta xi ħaġa aktar serja fil-konfront ta' din is-soċjeta u Francesco Airo', l-ispettur Roderick Zammit għandu jkun soġġett għal miżuri dixxiplinari mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-kuntest tal-art 20 tat-tieni skeda tal-Malta Police Regulations SL 164.01.

Filwaqt li nispera li b'din ir-risposta ssodisfajt il-kweżit tiegħek nibqa' dejjem, u nselli għalik.

MICHAEL MALLIA
Imħallef